# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 10 ta' Mejju 2002**

**Appell Nru 53/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Farrugia permezz ta' att ta' citazzjoni li jgib id-data tad-9 ta' Jannar, 2002, talli (**1**) fid-9 ta' Novembru, 2001, u fix-xhur ta' qabel, fi triq maghrufa bhala Ta' Zaghfrana li minnha hemm il-passagg li jaghti ghall-Wied il-Gilwieni, Dingli, minghajr licenzja tal-pulizija bena jew ghamel xi haga fit-triq li tista' ggib xkiel jew periklu jew inkomdu lill-pubbliku, inkella halla, wara li gie imwissi mill-pulizija, bini jew opri ohra fi stat ta' tigrif jew ta' periklluu ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor; u aktar (**2**) talli fl-istess data u cirkostanzi kisser jew fetah il-bankina jew il-wicc tat-triq minghajr permess mahrug mid-Direttur tax-Xogholijiet pubblici, jew xort'ohra milli kien hemm imnizzel f'dak il-permess, [jew naqas] wara li lesta x-xoghol li ghalih kien hareg dak il-permess milli, mill-aktar fis li jista jkun, jimla kif imiss il-bankina jew il-wicc hekk imkissra jew miftuha, bit-terrapien li jkun hareg mit-tahfir, jew naqas li jbattamhom tajjeb;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Frar, 2002, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Francis Farrugia hati skond iz-zewg imputazzjonijiet, u ikkundannatu ammenda ta' ghoxrin lira (Lm20) fuq kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet, u ordnat "li l-istess Kunsill Lokali jaghmel ir-reparazzjonijiet a spejjez tal-imputat";

Rat ir-rikors ta' appell ta' Francis Farrugia, minnu ppresentat fl-1 ta' Marzu, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Mejju, 2002; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda speci ta' rampa (forma ta' *sleeping policeman*, u mill-gabillotti maghrufa aktar bhala gifun jew geffun) li jinsab fid-dahla ta' passag li jaghti ghal go Triq Zaghfrana, limiti ta' Had-Dingli.

Il-prosekuzzjoni qed tikkontendi li l-appellant qala' new nehha bicca minn din ir-rampa minghajr ma kellu l-awtorita` li jaghmel hekk, u dana wara li l-Kunsill Lokali ta' Had-Dingli kien ha l-izbriga li jirranga dina r-rampa filwaqt li kien qed jirranga l-istess Triq Zaghfrana.

L-appellant jammetti li kien hemm okkazzjoni meta huwa nehha r-rampa jew geffun f'Ottubru ta' sentejn ilu. Hu evidenti mid-deposizzjoni tas-Sindku ta' Had-Dingli li r-rapport li huwa ghamel f'Novembru tas-sena l-ohra, jigifieri f'Novembru, 2001, jirrigwarda proprju xi tkissir ta' dan il-geffun li kien sar fil-harifa ta' dik is-sena, peress li t-tkissir tal-geffun li talvolta kien sar qabel kien gie msewwi mill-Kunsll Lokali. Issa, ir-reati ipotizzati fiz-zewg imputazzjonijiet huma ta' natura kontravvenzjonali, u ghandhom preskrizzjoni ta' tlett xhur. Ghalhekk f'Jannar ta' din is-sena, meta harget ic-citazzjoni aktar 'l fuq imsemmija f'din is-sentenza, l-azzjoni fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet kienet preskritta.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Aldo Testone
Dep. Registratur